**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 44**

**L-ERBGHA 27 TA' AWWISSU 2014 F' NOFS IN-NHAR FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillieri R. Rossignaud u M. Fava kienu skużati minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Vici Sindku kien skuzat peress li jinsab imsiefer fil-waqt li l-Kunsillier M. Abela infurmat li ma setghatx tattendi peress li seta' jkollha kunflitt ta' interess.

Din il-laqgha bdiet fil-12.15pm.

**IS-SINDKU QAL IT-TALBA**

**I IL-PROPOSTI TAL-GREENMT U L-GREENPAK**

Is-Segretarju Ezekuttiv qara email li rcieva aktar tard dalghodu minnghand il-Kunsillier M. Fava. Din l-email se tkun mehmuza ma' dawn il-Minuti bhala App. A.

Il-Kunsillier P. Fenech staqsa għall-sospenzjoni tal-Minuti minħabba li ma ġewx ippreżentati l-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Is-Sindku ssekonda.

Is-Segretraju Eżekuttiv nforma li bgħat il-proposti dwar il-ġbir ta' skart irriċiklat ta' żewġ kumpaniji GreenMT u GreenPAK lil kunsillieri kollha. Hu staqsa għall-opinjoni tagħhom.

Is-Sindku tenna li peress li dan is-servizz huwa tant importanti biex tinzamm l-indafa u l-ordni fil-lokalita', il-Kuntrattur irrid jkun dejjem efficjenti u professjonali f' xogħlu. Ghaldaqstant huwa ssuġerixxa li din l-offerta' għandha tingħata lill-GreenPAK.

Il-Kunsill ikonkluda li ħafna drabi s-servizz mill-kumpanija GreenMT ma kienx daqstant sodisfaċenti. Ħafna drabi il-bring-in-sites ma jitbatlux freikwenti avolja wara ħafna rapporti mill-Kunsill. Wara diskuzzjoni fid-dettal, b' mod unaninimu gie deciz li l-kuntratt ta' tbattil u manutenzzjoni tal-bring-in-sites fil-lokalita' jingħata lill-kumpanija GreenPAK.

Is-Sindku ġa din l-opportunita' sabiex jirringrazzja lill-kuntrattur precidenti tas-servizz li taw tul dawn l-aħħar snin.

Din il-laqgħa spiċċat fin-12.30pm.

**HUGH ZAMMIT** — **SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT** — **SINDKU**